MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2012

Avviz Numru. 158/2011

**Michele Di Monaco**

**vs**

**Christopher Cassar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attur nhar it-13 ta’ Mejju 2011 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur id-danni li ghandhom jigu likwidati minn din l-Onorabbli Qorti, okkorrendo, permezz ta’ periti nominandi, liema danni gew ikkagunati lill-attur meta huwa saq il-vettura tieghu (Opel Astra Nru. ta’ Registrazzjoni DBI 902) fid-direzzjoni tal-attur u tajru b’konsegwenza illi l-attur sofra l-griehi li rrizultaw mill-*Patients Certification Form* datata 2 ta’ Awissu 2010 (kopja annessa u mmarkata “Dok MDM 01”) liema griehi ppregudikawh f’xogholu u fl-introjtu tieghu. Tali danni ghandhom jinkludu t-telf ta’ (i) l-ammont ta’ elfejn, tmien mija u hamsin Ewro (€2,850)

f'paga mitlufa stante impossibilita' ta' l-attur li jattendi fuq il-post tax-xoghol tieghu minhabba l-griehi sofferti b'konsegwenza tal-incident mertu ta' din il-vertenza, (ii) l-ammont ta' mija u hamsa u tletin Ewro (€135.00) fix-xahar, li ghandhom jigu kalkolati sa mix-xahar ta' Awwissu 2010 il-quddiem, f'telf ta' awment fil-paga li l-attur kellu jibbenefika minnu kieku ma giex pregudikat milli jiehu promozzjoni li kien intitolat ghaliha izda li ma giex moghti b'konsegwenza tal-fatt illi ma setax jattendi fuq il-post tax-xoghol minhabba l-griehi li sofra f'dan l-incident; fatt li jirrizulta minn zewg certifikati medici kopji ta' liema gew annessi u mmarkati mar-rikors bhala "Dok MDM 02" u "Dok MDM 03".

Bl-ispejjez gudizzjarji, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-tnejn (2) ta' Marzu 2011 (Dok MDM 04) u bl-imghaxijiet legali applikabbli skond il-Ligijiet ta' Malta kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Ghal skopijiet ta' kompetenza, l-attur jiddikjara li l-pretensjonijiet tieghu ma jeccedux is-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta w erbghin Eero u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87).

Rat ir-risposta tal-konvenut Christopher Cassar li gietipprezentata fis-17 ta' Gunju 2011 fejn eccepixxa:

*"Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur;*

*Illi mhuwiex minnu li l-esponent saq il-vettura tieghu fid-direzzjoni tal-attur u lanqas li laqtu jew tajru kif allegat fir-rikors promutur;*

*Illi ghalhekk l-akkadut mertu ta' din il-kontenzjoni ma huwiex imputabbli lill-esponent izda lill-attur innifsu stante li kien hu li resaq b'mod vjolenti fid-direzzjoni tal-vettura tal-esponent bi skop ta' aggressjoni, tant li faqalu l-hgiega tal-windscreen b'daqqa ta' ponn;*

*Illi konsegwentement l-esponenti ma huwiex responsabbli ghal ebda danni;*

*Illi fi kwalunkwe kaz, u bla pregudizzju ghas-suespost, id-danni ghandhom jigu pruvati u f'kull kaz huma esagerati u mhumiex reali;*

*Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi."*

Rat ix-xhieda ta' **Antonio Marini** tal-24 ta' Ottubru 2011 fejn iddikjara illi huwa jiftakar li ghodwa minnhom fix-xahar ta' Awissu tal-elfejn u ghaxra (2010) huwa kien fil-kumpanija ta' Michele di Monaco l-Gzira hdejn ix-xatt. Ix-xhud kien qed isuq il-karozza tieghu u Michele di Monaco kien bilqieghda hdejh fil-karozza. Huwa jiftakar li kienu qed ifittxu post fejn jipparkjaw halli jieqfu jiehdu kafe'. Fil-hin intebah illi kien hemm karozza ha titlaq u thalli l-post vojt. Huwa kien diga' pparkja darb'ohra f'dak il-post u ghalhekk qal lill-attur biex jinzel mill-karozza halli jzomm il-post vojt. L-attur hekk ghamel sakemm ix-xhud baqa' jsuq halli jdawwar lura u jipparkja l-karozza. X'hin ix-xhud dar u gie fil-lane opposta, huwa ntebah li Michele kien qed isofri u kien qed izomm irkobtejh u ghalhekk ix-xhud waqqaf il-karozza biex jara x'inqala'. Ix-xhud ftakar ukoll illi huwa qasam it-triq u ra' li id Michele kienet miksija bid-demm u kien qed izomm irkobtejh. Michele qallu li kienet tajritu karozza.

Ix-xhud stqarr illi huwa ra karozza pparkjata u jiftakar li Michele kien qed jargumenta ma' Christopher Cassar li kien qed jaghraf il-Qorti, dwar kif sehh l-incident. Antonio Marini pprova jikkalma s-sitwazzjoni u qal lix-xufier biex icempel lill-pulizija. Huma baqghu jistennew fuq il-post ghal madwar ghaxar minuti jew kwarta sa x'hin waslu l-pulizija.

Mistoqsi mill-Qorti jekk rax l-incident isehh, huwa wiegeb li ma rax l-incident isehh. Huwa ra' lill-attur wara' li sehh l-incident. Huwa rah ezatt wara li gara l-incident fejn kien ghadu qed jitlef id-demm. Mistoqsi jekk il-pulzija kellmuhx fuq il-post, huwa qal li iva kellmuh u staqsewh ghan-numru tal-Karta tal-Identita' tieghu u hu tahulhom. L-attur kien qal lix-xhud li meta l-karozza laqtitu huwa waqa' fuq il-karozza u laqat il-windscreen b'idu. Ix-xhud sostna illi

kien hemm id-demm hiereg minn id l-attur. Mistoqsi jekk rax il-karozza ticcaqlaq wiegeb li iva ghax huwa kien ipparkjat mal-genb, ra’ d-dawl tal-break u waqaf quddiem din il-karozza. Mistoqsi jekk jiftakarx il-mudell jew il-kulur tal-karozza tenna li le ma jiftakarx. Mistoqsi wkoll jekk jiftakarx fejn kien Michele di Monaco meta hareg mill-karozza stqarr li ma jafx il-post ezatt ghax huwa nizzlu mill-karozza u saq. L-incident sehh quddiem Giorgio’s Cafe go Tas-Sliema. Hekk kif huwa kien dar mal-kantuniera ta’ Giorgio’s Cafe nduna li Michele di Monaco kien qed ibaghti. Ix-xhud qal illi l-karozza tieghu hija Discovery Land Rover.

Rat l-affidavit tal-attur **Michele Di Monaco** ipprezentata u kkonfermat minnu waqt is-seduta tal-15 ta’ Frar 2012 fejn fl-istess affidavit iddikjara illi huwa membru tal-Forzi Militari tal-Italja u huwa kien Malta fuq ftehim li kien iffirmat bejn Malta u l-Italja. Huwa kkonferma illi fit-2 ta’ Awwissu 2010 ghal xi l-kwarta ta’ wara nofs inhar huwa kien passiggier fil-karozza tal-kollega tieghu Antonio Marini u kienu qed ifittxu post fejn jipparkjaw f’Tas-Sliema halli jieqfu ghal cafe’.

Sussegwentament huma ndunaw illi kien hemm karozza pparkjata quddiem Giorgio’s Cafe’ li kienet ha titlaq. Peress illi kienu diga qabzu dan l-ispazju, huwa hareg mill-karozza ta’ Marini u qaghad jistenna fl-ispazju biex Marini jdur mas-central stip jigi lura biex jipparkja.

Fi x’hin l-attur kien qed jistenna, waqfet karozza *silver* Opel Astra vicin tieghu misjuqa minn Christopher Cassar li kienet parzjalment gol-kaxxa tal-parking. L-attur qal lil Cassar li kien qed izomm il-post ghall-habib tieghu li kien qed idur mas-central strip biex jigi jipparkja hu. Il-konvenut is-Sur Cassar qabad jghajjat mieghu bil-Malti u bl-Ingliz u beda wkoll jitkellem hazin bit-Taljan.

Iddikjara li l-konvenut kien arroganti hafna u beda jghidlu illi kien qed ifittex post biex jipparkja ghal hin twil u kellu bzonn jipparkja biex inizzel xi haga. Dan beda jheddu biex jersaq ghax kien ha jsuq ghal fuqu. Fl-istess hin il-

konvenut baqa' jsuq fil-kaxxa tal-parking u aktar vicin tieghu.

Eventwalment il-konvenut accellera fid-direzzjoni tieghu u laqtu u saq fuq siequ tant li waqa' fuq il-windscreen u l-bonnet tal-karozza minhabba l-impatt. L-attur sostna li kien sforz ta' dan l-impatt illi l-windscreen tfarrket u kkawzatlu griehi serji f'idejh apparti minn griehi li baghta f'saqajh u rkobtu intlaqtet ukoll mill-frame tal-karozza. Huwa kellu bzonn attenzjoni medika u gie ccertifikat li kien qed ibaghti minn trawma.

L-attur kompla jghid illi l-pulizija ssejhu fuq il-post tal-incident. PC 240 mar fuq il-post u qallu biex ifittex attenzjoni medika u wara jmur l-ghassa tal-pulizija bic-certifikati mediki u jhalli rapport. Huwa ssottometta dawn ic-certifikati l-ghassa pero' ma giex mitlub biex ihalli rapport.

Huwa ddikjara li ma kien hemm hadd aktar fuq il-post tal-incident hlief il-konvenut u huwa stess. Marini kien saq mas-central strip u wasal hemm x'hin l-attur kien ghadu qed jinqala' minn mal-karozza tal-konvenut. X'hin waslu l-pulizija marret persuna ohra fuq il-post.

L-attur sostna illi minhabba l-griehi li garrab huwa ma setghax imur ghax-xoghol u konsegwentament huwa tilef il-paga, promotion u z-zieda fil-paga u kif ukoll l-ispiza tal-medicini. L-attur kien ikkuntatja lill-konvenut biex ihallas lill-attur l-ammonti li tilef u hallas bhala konsegwenza diretta tal-griehi li garrab mill-incident izda l-konvenut baqa' ma hallsux. Sussegwentament l-attur fetah il-kawza. Huwa stqarr ukoll illi minhabba li kellu jattendi ghas-seduti tal-Qorti ta' Malta, huwa hallas flus rigward ivjaggar u akkomodazzjoni. L-attur stqarr illi huwa qed ifittex li jithallas ghall-ispejjez li hallas u l-ammonti ta' flus li tilef minhabba l-griehi li sofra kawza tal-konvenut.

Rat ix-xhieda tal-attur **Michele di Monaco** tat-22 ta' Marzu 2012 fejn ipprezenta u kkonferma bil-gurament affidavit li gie mmarkat bhala MM1. F'dan l-affidavit huwa jghid illi huwa kien diga' xehed permezz ta' affidavit iehor

imma issa kien ser jaghti dettalji specifikament fuq il-quantum tal-hsara bhala rizultat tal-azzjonijiet tal-konvenut.

Huwa stqarr illi fit-2 ta' Awwissu 2010 huwa garrab griehi (Doc 01) wara li kien ittajjar minn Opel Astra ta' kulur il-fidda li kienet misjuqa minn Christopher Cassar. Dan kien saq ghal fuq l-attur sakemm laqtu, saq minn fuq saqajh u spicca waqa'. B'konsegwenza tal-griehi li garrab, huwa kellu jhallas l-ispejjez medici, baghta minn telf ta' paga, tilef promozzjoni u zieda fil-paga tieghu. Minhabba li l-konvenut ma riedx ihallas l-ammonti lill-attur, huwa fetah dan il-process fit-13 ta' Mejju 2011 u b'hekk kellu spejjez ohra relatati mal-ivjaggar minn u lejn Malta ghal kull seduta li ssir.

L-attur iddikjara illi l-ispiza totali tieghu u li qed jitlob lill-konvenut tammonta ghal tmint elef, seba' mija u tnejn u tletin Ewro u disgha u disghin centezmu (€8,732.99) li jinqasmu kif gej:

1. Is-somma ta' elfejn, sitt mija u tnejn u tletin Ewro u hamsa u disghin centezmu (€2,632.95) ghal telf ta' paga minhabba li ma setghax imur ghax-xoghol bejn it-tnejn (2) u s-sittax (16) ta' Awissu 2010. F'dawn il-granet huwa kien inghata s-sick leave kif muri fid-dokumenti annessi mal-affidavit Doc 02, Doc 03, Doc 04, u Doc 05.

2. Is-somma ta' erbat elef, disgha mija u tnejn u tletin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€4,932.24) kkalkulati fuq sentejn abbazi tal-kodici tal-paga militari li zammitu milli jiehu promozzjoni minhabba li hemm il-proceduri tal-kawza ghaddejin. Dan ifisser illi huwa ma baqax eligibbli ghal *milioramenti economici* skond id-*Decreto* li gie anness mal-affidavit u mmarkat bhala Doc 06. Huwa sostna illi ghadu jircievi l-paga ta' *Primo Maresciallo* meta hu kellu jibda jiehu l-paga ta' *Primo Maresciallo Luogotenente* wara promozzjoni li kellha tohrog fis-sena 2010 u issa ha tohrog f'Awwissu 2012. L-attur annetta dokument iehor Doc 07 fejn hemm skeda bit-telf tal-paga li garrab.

3. Is-somma ta' mitejn u disgha u disghin Ewro (€299) ghal fuel li gie kkunsmat bejn is-26 ta' Settembru 2011 u t-18 ta' Frar 2012 ghall-ivjaggar bejn l-ajruport ta' Bari jew l-ajruport ta' Ruma, liema ajruporti jinsabu 265 kilometri u 255 kilometri rispettivament minn Cagliari fejn hemm ir-residenza tal-attur. Huwa stqarr li kellu jigi Malta ghas-seduti li saru minn dawn l-ajruporti (Doc 08 sa Doc 12). Minn dan l-ammont huwa naqqas is-somma ta' sittin Ewro (€60) ghas-seduta tas-16 ta' Dicembru 2011 li giet differita fuq talba tieghu stess.

4. Is-somma ta' mija u ghaxar Ewro u tmejn centezmu (€110.80) ghall-uzu tal-highways nhar is-26 ta' Settembru 2011 u t-18 ta' Frar 2012 meta kien qed jivjagga biex imur l-ajruport u lura biex jigi Malta ghas-seduti tal-Qorti (Doc 13 sa Doc 15). Minn dan l-ammont, huwa naqqas is-somma ta' wiehed u ghoxrin Ewro u sittin centezmu (€21.60) minhabba li kien talab differiment ghas-seduta tas-16 ta' Dicembru 2011.

5. Is-somma ta' seba' mija u wiehed u ghoxrin Ewro u wiehed u sittin centezmu (€781.61) f'biljetti tal-ajruplan biex jigi Malta mill-Italja ghas-seduti ta' bejn is-26 ta' Settembru 2011 u t-22 ta' Marzu 2012 (Doc 16 sa Doc 26). Minn dan l-ammont huwa naqqas is-somma ta' mija u sebgha u ghoxrin Ewro u wiehed u tletin centezmu (€127.31) (Doc 21) minhabba li s-seduta tas-16 ta' Dicembru 2011 kienet giet differita fuq talba tal-attur.

6. Is-somma ta' mija u hamsa u tmenin Ewro u tletin centezmu (€185.30) ghall-akkomodazzjoni gewwa lukanda ghal darbtejn, wahda f'Settembru tal-2011 u l-ohra f'Ottubru tal-2011 meta huwa kellu jkun Malta ghas-seduti tal-Qorti (Doc 27 u Doc 28). Fil-granet l-ohra li kien gie Malta minhabba seduta tal-Qorti huwa mar joqghod ghand xi hbieb tieghu u ghalhekk mhux qed jitlob kumpens.

L-attur stqarr illi l-kumpens li qed jitlob f'dan l-affidavit huwa limitat ghall-ammonti ta' flus mitlufa u li ntefqu sal-gurnata ta' meta sar l-affidavit u ma jeskludix ammonti ohrajn ghall-spejjez li huwa jista' jkollu biex jigi Malta ghal

smiegh ta' seduti li ghadhom ma gewx appuntati sa dakinhar.

**L-attur Michele di Monaco rega'** xehed fit-2 ta' Mejju 2012 fejn gie muri ritratt immarkat bhala dokument ZSB f'dawn l-atti u ghamel salib fuq dan ir-ritratt fil-presenza tal-avukati difensuri biex juri fejn effettivament sehh l-incident. Mal-angolu kien hemm vann zghir u warajh kien hemm spazju fejn effettivament sehh l-incident. L-incident sehh ghoxrin metru boghod mill-angolu tal-bankina. Huwa stqarr illi quddiemhom kien hemm zewg karozzi ohra. Fil-fatt ma kienux weqfin imma kienu qeghdin jistennew. Meta waslu proprju magenb il-post li kien vojt, fejn fil-fatt ma kienx vojt imma kien hemm karozza li kienet qed tohrog u huma kienu weqfin biex jiehdu postu, huwa nizel mill-karozza, siehbu mar ftit lura bl-intendiment li jidhol fl-ispazju, jigifieri saq il-quddiem biex jaghmel spazju biex tohrog dik il-karozza bl-intendiment li mbaghad jirriverjsa ghal gol-ispazju.

Ix-xhud stqarr illi huwa qed jaghmel marka ta' salib fejn effettivament il-post kien vojt. Huwa ghamel salib fuq dan ir-ritratt bin-numru wiehed fil-post fejn kienu qeghdin jistennew huma. Ir-ritratt ma jindikax ezattament l-angolu kif ezattament kien dakinhar. Tenna li huma kienu ftit fuq wara u setghu jaraw dak li kien qed jigri quddiem ix-xhud. Naturalment il-karozzi li kienu gejjin minn warajhom ma setghux jghaddu ghax ma kienx hemm bizzejjed spazju. Huma ma dahhlux il-karozza mill-ewwel fil-post li kien vojt, jghid li ma kienx hemm post bizzejjed spazju biex timmanuvra u kien ghalhekk li huma kellhom isuqu il-quddiem biex jidhlu fl-istess post. Ma' genbhom ma kienx hemm karozza. Huwa minnu li huma setghu jsuqu l-quddiem, pero' ma setghux jidlhu komdu fil-post li kien vakanti.

Ix-xhud tenna li l-persuna li harget mill-parking kienet mara, u jekk mhux sejjer zball il-karozza kienet ta' kulur car. Fil-fatt il-habib tieghu li kien qed isuq, saq il-quddiem sakemm harget is-sinjura mill-parking u kien dak il-mument li huwa hareg mill-karozza. Is-sinjura li harget mill-parking marret ftit lura, biex terga' ssuq 'il quddiem.

Nel frattemp il-kollega tieghu baqa' jsuq biex idur biex jidhol fil-karozza, naturalment siehbu li kien qed isuq four-wheel drive kien qed jingombra t-triq u kien ghalhekk li saq il-quddiem biex dar biex jidhol fil-parking. Naturalment meta huwa fl-affidavit tieghu qal illi kienu quddiem Giorgio's Cafe', ma riedx ifisser precizament quddiem il-hanut, pero' fis-sens illi fejn Giorgio kien hemm l-angolu u huma kienu fil-faccata tieghu. Huwa qaghad jistenna lill-siehbu propju fit-triq. Huwa spjega li llum-il gurnata s-sinjali huma bojod pero' dak iz-zmien kienu sofor.

Huwa qaghad fit-tarf biex ma jhallix karozzi ohrajn jiehdu l-ispazju. Huwa ma rax lis-sinjura diehla fil-karozza li riedet tohrog mill-parking. L-ewwel darba li huwa ra l-karozza tas-sur Cassar kien propju meta mar fuqu. Ix-xhud qal li tkellem ma' mara li kienet qed tistenna warajh u qalilha biex tiskuzhom ghax huwa ried jidhol f'dak il-parking. Il-mara li kienet ser tohrog mill-parking fil-fatt kienet diga' telqet minn fuq il-post.

Ix-xhud spjega li fil-fatt is-sur Cassar kien diga' dahal fil-parking lane, sakemm wasal sa l-ewwel rota. Fil-fatt kien waqaf propju quddiemu, fejn kien hu bil-wieqfa. Fil-fatt kien dak il-hin li x-xhud attiralu l-attenzjoni. Ix-xhud fil-fatt kien qisu metru 'l gewwa minn fejn tispicca l-linja safra jistenna lill-habib tieghu gej. Xogholu hu li jsuq helicopter u allura huwa preciz hafna fil-movimenti tieghu. 'Naturalmente Io parlavo col signior Cassar in italiano, dopo pero', al inizio Io parlavo in inglese'. Ghal bidu kellmu bl-ingliz. Fl-ebda hin ma tah ordni biex jitlaq mill-post, naturalment, minn fejn kien hu sal-bankina kien hemm bejn wiehed u iehor xi zewg metri. Huwa zied jghid li effettivament il-windscreen tas-Sur Cassar giet milquta fil-parti ta' fuq fin-naha tal-lemin. Spjega illi huwa laqtu b'idejh tal-lemin.  Naturalment meta x-xhud gie milqut fuq saqajh, ir-reazzjoni tieghu biex ma jaqax hija li jzomm, u fil-fatt kien dak il-hin li huwa laqat il-windscreen. Naturalment wara li huwa gie milqut beda jzappap u mar jistrieh.

Huwa ddikjara li gie milqut mill-karozza minn naha tal-karozza li kienet gejja ghal fuqu, u hu kien propju f'nofs il-

parking, bejn wiehed u iehor. Ghal perjodu li huwa kien bis-sick leave mit-2 ta’ Awissu sas-16 ta’ Awissu 2010 huwa tilef il-flus kollha u ma thallas xejn. Huma ma’ ghandhom l-ebda insurance, fil-fatt anke ghandu proceduri l-Italja li effettivament huwa ma ghandux sick leave. Fil-fatt meta gara dan l-incident huwa spicca bi proceduri dixxiplinari ghaliex il-kmandant tieghu kien qallu li effettivament kellu xi diskors infelice mas-sur Cassar u minhabba f’hekk spicca sospiz. Fil-fatt mbaghad huwa tah il-verzjoni tal-fatti kif effettivament sehh l-incident. Fil-fatt minhabba dawn il-proceduri huwa tilef li jiehu l-ahhar stilla biex jilhaq *lieutenant* u naturalment il-promotion tieghu kienet giet sospiza. Infatti l-promozzjoni tieghu giet sospiza ghal sena ghaliex il-promotions huma johduhom darba fis-sena. Effettivament huwa mhux fil-posizzjoni li jgib din l-informazzjoni, pero’ m’hemmx problema li jitharrek persuna mill-ambaxxata Taljana u jforni l-Qorti b’din l-informazzjoni.

Rat in-nota tal-attur prezentata fl-4 ta’ Gunju 2012 li biha esebixxa sensiela ta’ dokumenti rigward spejjez addizjonali inkorsi wara l-prezentazzjoni tal-affidavit tieghu li bih illikwida d-danni. Dawn l-ispejjez ammontaw ghal total ta’ tlett mija u erbghin Ewro u sebgha u disghin centezmu (€340.97).

Rat in-nota tal-attur li giet prezentata wkoll fl-4 ta’ Gunju 2012 fejn fiha gab prova tal-fatt illi l-proceduri sabiex jigi promoss fil-karriera militari tieghu gew sospizi minhabba l-incident mertu ta’ din l-istanza. Huwa esebixxa tmien dokumenti fuq dan il-fatt.

Rat in-nota tal-attur datata 4 ta’ Gunju 2012 li permezz taghha ipprezenta is-segwenti dokumentazjoni:

Dok A – Dikjarazzjoni datata 3 ta’ Awwissu 2010 mibghuta mill-attur lis-superjuri tieghu.
Dok B – Provvediment dixxiplinari datat 4 ta’ Awwissu 2010 li ittiehed ontra l-attur mis-superjuri tieghu liema provvediment gie kontestat.
Dok C – Il-kontestazzjoni tal-attur ghal provvediment ta’ dixxiplina li ittiehdet fil-konfront tieghu.

Dok D sa Dok H - dokumentazzjoni Taljana dwar il-provediment li inghata fil-konfront tal-attur.

**PS 240 Brian Camilleri** xehed nhar l-4 ta' Lulju 2012 u kkonferma li nhar it-tnejn ta' Awissu 2010, ghal habta tas-siegha u nofs ta' wara nofs in-nhar waqt li kien qieghed stazzjonat l-ghassa tal-Pulizijia ta' Tas-Sliema ircieva rapport minghand Christopher Cassar, numru tal-Karta ta' l-Identita' 404660(M), fejn kien gie irrapurtat lilu, li l-vettura tieghu tal-ghamla Opel Astra ta' kulur silver, bin-numru tar-registrazzjoni DBI 902 kienet saritilha hsara minn persuna maskili li kien ghadu fuq il-post tal-incident, cioe' faccata ta' 'The Tigne Complex', ix-xatt ta' Tigne' Tas-Sliema. Huwa ghalhekk nizel fuq il-post minnufih sabiex ikompli jaghmel l-investigazzjoni preliminari tieghu. Mieghu kien hemm PC Josef Galea. Hemmhekk huwa tkellem kemm mal-persuna li ghamlet ir-rapport Christopher Cassar kif ukoll mal-persuna l-ohra, li jisimha Michele di Monaco, bil-Karta tal-Identita' numru 49961(A). Tenna li Christopher Cassar qallu li huwa kien ghadu kif ipparkja gewwa parking spot, li kien ghadu kif gie vakanti, u waqt li kien qed jimmanuvra biex jaghmel hekk, il-persuna relatata, cioe' Michele de Monaco qaghad fin-nofs tal-*parking* u qallu li ma setghax jipparkja hemmhekk ghaliex kien qed jistenna lil xi hadd iehor sabiex jipparkja floku. Huwa zied jghid wkoll li f'dak il-punt huwa insista li kellu dritt jipparkja hemmhekk u staqsa lil persuna relatata sabiex jiccaqlaq minn hemm. Dan nonostante irrifjuta li jaghmel hekk u Christopher Cassar dahal gol-parking space xorta, u naturalment il-persuna relatata kellha tersaq minn nofs. U dak il-hin il-persuna relatata qabdet u tat daqqa ta' ponn fuq il-windscreen. Mistoqsi jekk rax din il-hsara wiegeb li iva fil-fatt ra li kien hemm xi hsara fil-windscreen, ra *hand sign* fil-windscreen fuq il-parti ta' fuq. Huwa esebixxa kopja tal-okkorrenza li giet immarkata bhala dokument PS.

Huwa stqarr li lil Michele di Monaco fil-fatt kellmu wkoll. Huwa tah l-verzjoni tieghu. Naturalament il-verzjoni tieghu tinsab inserita fl-istess okkorrenza li kien ghadu kif esebixxa. Sostna li dak kollu li ntqal lilu mill-partijiet dakinhar tnizzel fl-okkorrenza li esebixxxa. Mistoqsi jekk

rax xi griehi dakinhar, qal li kieku osserva xi griehi kien inizzilhom fir-rapport. Is-sur Cassar kien infurmahom permezz tat-telephone li kien gara dan l-incident u ghalhekk huma nizlu fuq il-post. Mistoqsi jekk kienx hemm xi nies ohra fuq il-post, wiegeb li kien hemm Francis Grogan, li huwa xhud, u qal li dak il-hin huwa kien gie mitkellem u kkolabora il-verzjoni moghtija minn Christopher Cassar. Ir-rapport li pprezenta x-xhud gie printjat il-gurnata ta' qabel li xehed. Ma' Francis Grogan tkellem fakinhar stess fuq il-post tal-incident.

**Spettur Jesmond Micallef** xehed nhar l-4 ta' Lulju 2012 u kkonferma li fit-2 ta' Awissu 2010, kien gie infurmat li kien sehh incident gewwa ix-Xatt ta' Ta' Tigne', Tas-Sliema, fejn kien hemm involuti Christopher Cassar kif ukoll Michele di Monaco. Fil-fatt kien gie ndikat lilu, li kien hemm xi hsarat fil-vettura ta' Christopher Cassar u sahansitra anke kienu gabulu stima tal-hsarat. Il-vettura kienet tal-ghamla Opel Astra, numru tar-registrazzjoni DBI 902, u l-istima kienet tat-tlett mija u hmistax il-Ewro. Jghid li l-vettura fil-fatt kellha il-*windscreen* ta' quddiem mifquh. Huwa kien hareg charges fil-konfront ta' Christopher Cassar minhabba feriti ta' natura hfief u tentattiv ta' ferita gravi. Pero' proceduri quddiem il-*collisions sitting* ma sarux. Mistoqsi jekk harigx xi *charges* fil-konfront ta' Michele di Monaco, tenna li sal-lum-il gurnata ma harigx u dan peress li s-sur Michele di Monaco qallu li kellu immunita' diplomatika. Minn dakinhar sal-lum il-gurnata huma baghtu *request* u zewg *reminders* lil Ministeru tal-Affarrijiet Esteri sabiex jiccekkjaw jekk huwiex minnu li huwa ghandu din l-immunita' u tenna li sal-lum-il gurnata ghadu ma' rcieva l-ebda risposta. Una volta jkollu risposta u jkun jaf li m' ghandux immunita, ikun lest li johrog ic-charges talli huwa ikkaguna hsara fil-vettura ta' Christopher Cassar, kif ukoll talli kkagunalu feriti ta' natura hafifa, kif iccertifikat minn Dr Ivelina Petcova u spjega li jekk mhux sejjer zball il-feriti kienu xi grif.

Mistoqsi jekk hax xi statements in konnessjoni ma' din l-investigazzjoni tenna li iva, ha statement li gie relaxxat mis-sur Christopher Cassar u esebixxa kopja ta' dan l-istatement li gie mmarkat mill-Qorti bhala Dok PS1. L-

istatement in kwistjoni ittiehed nhar l-20 ta’ Frar 2011 u dan sar fil-prezenza ta’ PC 1188 Paul Cassar u naturalment qabel ma ttiehed l-istatement huwa nghata s-solitu twissija, u dan ukoll wara li huwa irrinunzja ghall-avukat tal-fiducja tieghu. Ikkonferma li lil Michele di Monaco kien kelmu mhux dakinhar tal-incident izda zmien wara, u huma kienu hallew xi zmien jghaddi sabiex jara jekk kienx ser isir xi hlas, dwar il-hsara li jista’ jkun volontarju fil-karozza tal-konvenut. Stqarrija ta’ Michele di Monaco ma hadlux peress li huwa qal li kellu immunita’. Mistoqsi jekk  kellimx lil Francis Grogan, tenna li le ma kellmux. Il-kaz kriminali tal-konvenut huwa pendenti quddiem il-Magistrat Antonio Micallef  Trigona u ghadu sub judice.

**Francis Grogan** xehed nhar l-4 ta’ Lulju 2012 u spjega  li dakinhar tat-2 ta’ Awissu 2010,  kien  ghadu kif spicca mix-xoghol fejn jahdem, u cioe’ Gauda, hanut taz-zraben, Bizazza Street, Sliema. Mexa l-isfel, lejn Tigne’ u dar ma l-istabbilliment Giorgio’s Cafe, u dak il-hin iltqa’ ma’ Christopher Cassar li ghandu Restaurant vicin ta’ fejn jahdem jien.  Dak il-hin Christopher Cassar kien qieghed gol-karozza, kien qed jipprova jipparkja, waqt li huwa kien bil-mixi. Dak il-hin qallu li kien sejjer lejn id-dar u kellu l-karozza ipparkjata. Il-karozza tieghu kienet ipparkjata faccata ta’ l-istabbilliment ta’ Giorgio’s Cafe, ftit lil hemm, xi hames karozzi ‘l quddiem. Mistoqsi sabiex jaghmel salib fejn kien ipparkjat fuq ir-ritratt li gie esebit seduta stante wiegeb li mhux f’pozzizzjoni li jaghmel hekk ghaliex ma’ hemmx indikat parking spaces faccatta ta’ Giorgio’s Cafe fuq dan ir-ritratt, immarkat bhala dokument X.  Muri ritratt iehor esebit u mmarkat bhala dokument Y,  fuq dan ir-ritratt ghamel salib fejn effettivament kien ipparkjat dakinhar. Huwa indika lil Qorti b’salib iccirkondat fejn kien ipparkjat piu’ o  menu dakinhar tal-incident. Lil Chris kien indikalu fejn kien ipparkjat waqt li huwa kien ghadu fil-karozza tieghu, mexa’ il-quddiem u waqaf qabel il-karozza ipparkjata, u huwa mexa  ‘l quddiem  u dahal fil-karozza tieghu.

Mistoqsi jekk kienx hemm karozzi ohrajn ghaddejin mit-triq dak il-hin, qal li kien hemm dakinhar. Mistoqsi jekk

kienx hemm karozzi ipparkjati wara Chris Cassar dakinhar, tenna li le ma kienx hemm. Christopher Cassar kien jidher li kien ser jipparkja floku. Mistoqsi jekk kienx hemm *parking spaces* ohrajn qal li le ma kienx hemm. Il-karozza tieghu hija tal-ghamla Toyota Corsa Diesel Numru tar-registrazzjoni GRO 001, bajda. Huwa dahal fil-karozza sabiex johrog u sadanittant jaf li Christopher Cassar kien ghadu qed jistenna warajh, u kif kien qed jirriversja sabiex johrog, mar lura sabiex johrog, bil-hsieb li Christopher jidhol f'postu, u kif Christopher dahal nofsu fil-parking, fejn kien ipparkjat hu, ra ragel u beda jkecci lil Christopher 'il barra. Ra li beda jkellmu pero' ma setghax jisma x'kien qed jghidlu. Pero' jaf li kien qed jaghmel mossi b'idejh sabiex johrog 'il barra.

Huwa lil dan ir-ragel rah appena Chris dahal fil-*parking slot.* Huwa mexa 'l quddiem u ra lil din il-persuna taghti daqqa ta' ponn fuq il-windscreen ta' Christopher, in-naha ta' fuq tan-naha tad-driver. Dak il-hin Chris kien kwazi dahal fil-*parking slot*. Huwa nhasad, halla il-karozza startjata u nizel mill-karozza, u wara li ta daqqa ta' ponn fuq il-*windscreen*, din il-persuna sparrixiet, u ma lahqux fuq il-post. Dak il-hin dar fuq Christopher u staqsih *'dan x'ghamilek, dan mignun'* u qallu '*rajtu jaghti daqqa ta' ponn fuq il-windscreen'*. Jaf li l-*windscreen* fil-fatt inkisret minn fuq ghal isfel. Dak il-hin Chris cempel lil pulizija u nizlu l-pulizija fuq il-post. Mistoqsi jekk dak il-hin il-pulizija kellmuhx, wiegeb li le, ma kellmuhx. Pero' huwa mar l-ghassa u qal lill-pulizija dak li kien ra.

Mistoqsi meta kien l-incident, wiegeb li kien wara nofsinhar jew fis-siegha daqqu jew fis-siegha u nofs daqqu, skont x'hin ikun spicca xoghol dakinhar. Mistoqsi jekk setghax kien il-kaz, li din il-persuna intlaqtet minn Christopher wiegeb li le, sakemm Christopher dahal fil-*parking*, zgur ma ntlaqatx ghaliex rah diehel. Chris kien dahal aktar minn nofs il-*parking*. Ir-ragel kien fuq ic-central strip quddiem il-*parking space*. Mistoqsi jekk setghax waqa' tenna li le, kien bilwieqfa meta rah jaghti daqqa ta' ponn fuq il-windscreen tal-karozza. Mistoqsi jekk jafx lis-Sur Christopher Cassar wiegeb li jafu, ghaliex huwa ghandu restaurant fil-vicinanzi ta' fejn jahdem hu.

Is-**Supretendent Pierre Micallef Grimaud** xehed nhar id-19 ta’ Settembru 2012 u meta gie mistoqsi jekk huwa kienx involut fl-incident li sehh fit-2 ta’ Awissu 2010, fix-xatt ta’ Tigne, Tas-Sliema, iddikjara li l-involviment tieghu kien wiehed mill-*punto di vista* tal-pulizija - investigazzjoni. Iddikjara li hatnu Christopher Cassar kien cempillu dakinhar ghal habta tas-siegha ta’ wara nofsinhar. Tenna li Cassar kien daqxejn panikus u qallu li kien hemm persuna ta’ nazjonalita’ Taljana li kienet agreditu waqt li huwa kien qieghed jipparkja il-vettura tieghu. Spjega li dak il-hin qallu li kien fil-vicinanzi u biex izomm il-kalma sakemm jasal hdejh. Huwa wasal hdejn il-ferries, faccata tal-istabilliment maghruf bl-isem ta’ Giorgio, sostna li sab il-vettura ta’ Cassar ipparkjata fil-fish bow parking, facatta ta’ l-istess stabilliment u tenna li l-*front windscreen* kien mifquh kompletament u jghid li Chris kien barra mill-karozza, b’tikek homor, li wara sar jaf li kien demm. Ftit metri il-boghod minn hdejh fuq ic-central strip kien hemm din il-persuna Taljana u beda jitkellem b’vuci gholja sabiex jattira l-attenzjoni tan-nies li kien hemm madwaru u jaf li f’hin minnhom kien hemm persuna, mir-restaurant li kien hemm faccata, li qasmet u gabitlu borza bis-silg. Sostna li fil-fatt dak il-hin Chris kien indikalu li dik il-persuna Taljana kienet dik il-persuna li ghamlitlu il-hsara fil-windscreen. Iddikjara li dak il-hin stess huwa staqsa lil Chris effettivament x’kien gara, u hu qallu li sab post liberu ghal parking pero’ kien hemm din il-persuna hdejn dan il-post li ma hallitux jipparkja. Qal li Chris jaf li qallu sabiex jillarga sabiex ikun jista’ jipparkja u dan it-Taljan qallu le, hawn tieghu u minn hemmhekk beda l-argument bejniethom.

Chris qallu li dak il-hin insista li kellu jipparkja u dahal bil-mod f’postu. Qallu li f’daqqa wahda it-Taljan deher irrabjat, mar ghal fuqu u faqghalu il-windscreen. Iddikjara li huwa staqsih jekk kellux xi haga f’idejh, u qallu li ma deherlux li kellu. Haseb li l-windscreen infaqa’ b’daqqa ta’ ponn. Qal lil Chris sabiex imur il-Polyclinic, fil-kaz li seta’ kellu xi hgiega f’ghajnejh. Appuntu, hadu il-clinic tal-Floriana izda din kienet mimlija nies u spiccaw il-Polyclinic tal-Gzira. Mistoqsi jekk meta wasal fuq il-post, il-karozza ta’ Chris kienetx diga’ f’postha fil-parking bay, huwa

ikkonferma li hemm kienet, ftit centimetri l-boghod mil-bankina. Mistoqsi jekk jiftakarx, x'kien qieghed ighid it-Taljan meta wasal fuq il-post, stqarr li d-diskors tieghu kien daqxejn vulgari. Pero' xtaq jafferma li meta huwa avvicina lil Chris, it-Taljan haseb li huwa kien se jaghmel xi show. Qal li beda jitkellem ma' xi hadd fuq il-mobile u beda jirrabja u f'hin minnhom qisu beda jidhaq, beda jorok is-silg ma' saqajh u f'hin minnhom ma' saqajh l-ohra wkoll. Sostna li huwa kien distanza ta' xi ghaxar metri u mistoqsi jekk innotax jekk it-Taljan kellux xi feriti, jiddikjara li fizikament, hu ma ra xejn. Mistoqsi jekk rahx miexi, irrisponda pozittivament, u sostna li rah jippassiggia fuq ic-central strip. Mistoqsi jekk rahx li kellu xi moviment stramb f'saqajh, per ezempju jekk kienx qieghed izzapap jew hekk, sostna li ma nnota xejn minn dan. Huwa stqarr li effettivament dan ma gralu xejn. Mistoqsi jekk huwa kellimx lill-pulizija dwar din l-investigazzjoni stqarr li ma kellimhomx. Tenna wkoll li hu kien il-persuna li gieghel lil Chris imur il-Polyclinic u sussegwentament jaghmel rapport lill-Pulizija. Zied li Chris cempillu, mhux biex imur fuq il-post, izda sabiex jiehu opinjoni tieghu ta' x'kellu jaghmel dwar il-kaz, pero' dan kien wara li kien sehh l-incident.

**Christopher Cassar** xehed nhar id-19 ta' Settembru 2012 u kkonfema li huwa jopera il-hanut maghruf bhala Ta' Chris Restaurant gewwa Tas-Sliema. Spjega li huwa jasal ghax-xoghol ghal habta tan-nofs siegha u dejjem ghandu xi ghoxrin minuta jew nofs siegha sabiex ifittex *parking space*. U meta wasal vicin ta' Giorgio lahaq lis-salesman ta' Gauda li kien ser jaqsam it-triq, staqsih jekk kienx hiereg u qallu li iva u li kien ipparkjat fil-vicinanzi. Huwa ghalhekk gibed wara l-karozza tieghu u stennih johrog, fil-fatt kien wasal fuq il-post qabel ma huwa wasal hdejn il-karozza tieghu. Qal li appena hareg huwa dahal minn floku. Appena wasal metru l-boghod mill-bankina, jigifieri diga' kien fil-parking, pesuna harget tigri minn mkien, ghax ma rahiex, u li effettivament fil-bidu ma kienx hemmhekk. Dan ordnalu biex johrog minn hemm sabiex jipparkja hu. Fil-fatt staqsih biex kien ser jipparkja ghaliex effettivament lanqas karozza ma' kien hemm, u qallu li kien hemm siehbu qieghed idur. Fil-fatt qalluli siehbu seta'

jmur u jfittex *parking* banda ohra. Dan nonostante beda’ jghajjat u jghidlu sabiex johrog minn hemm, dak il-hin kesah waqqaf il-karozza u sakemm baqa’ jinsisti mieghu pero’ nehha saqajh minn fuq il-*clutch* u baqa’ diehel bil-mod il-mod fil-*parking*. Dak il-hin qallu ‘int min int li tinjora l-ordni tieghi’.

Dak il-hin induna li seta’ kien xi hadd tal-militar, u dar fuqu u qallu, int min int biex ittih ordni. Dak il-hin jghid li kien kwazi wasal u meta ra li baqa’ jinsisti inkorla u mar jigri u ta daqqa ta’ ponn fil-kantuniera fuq in-naha tal-lemin tal-*windscreen* u faqa’ il-*windscreen* bil-ponn. Kien qieghed ikellmu wiccu barra t-tieqa, u effettivament huwa gie biex jaghti daqqa lilu pero’ dar ghal fuq il-windscreen. Qal li nhasad ghaliex ma’ stenniex li ha jigri hekk u appena ra hekk, it-Taljan telaq jigri u telaq minn fuq il-post. Spjega li meta nfaqghet il-windscreen imtela’ kollu s*plinters* u kien hemm kullimkien demm. Dak il-hin qallu li kien ser icempel lill-pulizija u hekk ghamel. Sadanittant mar Francis tal-Gauda u staqsih x’kien gara, u qallu ‘dan mignun, x’tah faqalek il-windsreen!’ Talbu jekk kienx lest li jitla’ jixhed, telaq minn fuq il-post u sadanittant it-Taljan wasal lura. Dak il-hin it-taljan gie lura jzappap u staqsih x’kien gralu u allega li kien laqtu bil-karozza. Dak il-hin cahad li effettivament kien tah daqqa bil-karozza u sussugwentament gew il-pulizija u hadu ir-rapport relattiv. Effettivament imbaghad tela’ l-ghassa u ghamel rapport relattiv u tahom ic-certifikat tal-polyclinic u stima tal-hsarat li sofra.
Ftit xhur wara kienu cemplulu il-pulizija mill-ghassa u qalulu li ahjar jaghmel rapport peress li Michele di Monaco kien ser jiehdu l-Qorti. Mistoqsi jekk kienx hemm xi proceduri kriminali fil-konfront ta’ Michele di Monaco wiegeb li sa fejn jaf hu ma kienx hemm, ghaliex Di Monaco qieghed jghid li ghandu immunita’ diplomatika, pero’ minn dak li sar jaf, dan ma kienx minnu. Mhux minnu dak li qieghed jallega l-attur li huwa waqa’ fuq il-karozza tieghu u laqat il-windscreen. Huwa ma ghandu l-ebda hsara fil-karozza tieghu, salv fil-windscreen. La l-bumper u lanqas il-bonnet, imkien, izda il-windscreen biss. Mhux minnu li huwa tkellem bit-Taljan hazin, ghax fil-fatt bil-kemm jitkellem bit-Taljan.

Semghet lill-avukati difensuri jitrattaw il-kawza nhar l-14 ta’ Novembru 2012.

Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza l-attur qed isostni li l-konvenut saq ghal fuqu b’mod traskurat u dan nhar it-2 ta’ Awwissu 2010 meta kien qed jipparkja l-vettura tieghu tal-ghamla Opel Astra numru ta’ Registrazzjoni DBI 902 meta kien fi Triq Tigne’, Tas-Sliema quddiem l-istabbiliment maghruf bhala *Giorgio’s* u b’hekk minhabba dan l-agir illecitu huwa sofra diversi danni, inkluz dawk id-danni fuq il-persuna tieghu. Minn naha l-ohra il-konvenut jghid li huwa m’huwiex responsabbli ghad-danni li talvolta setgha sofra l-attur u dan ghaliex kien l-attur stess li qabad u ta’ daqqa ta’ ponn fuq il-windscreen tal-vettura misjuqa mill-konvenut u ghalhekk l-konvenut in poche parole eccepixxa bhala d-difiza tieghu l-principju legali *volenti non fit iniuria.*

L-**Artikolu 1031 tal-Kodici Civili** jippreciza li "*kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu*".

Din in-norma tal-ligi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana jew extra-kontrattwali tikkostitwixxi l-punt kardinali in subjecta materia, u tennuncja l-principju in virtu’ ta' liema l-lezjoni kagjonata lis-suggett tobbliga lill-awtur tal-lezjoni li jirrizarcixxi l-konsegwenzi negattivi, ossija d-danni, kompjuti bl-att tieghu. Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilita` civili hi ravvizata fl-imgieba imputabbli ghal dolo jew kulpa. Il-ligi civili taghna ma tiddefinixxix il-kolpa civili fl-ghemil izda taghmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diligenza u nuqqas ta' hsieb tal-bonus paterfamilias [Artikolu 1032 (1), Kodici Civili]. Dan jikkorrispondi in criminalibus ghan-nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti statwit fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali.

Ma ghandux ikun dubitat illi meta wiehed jizvolgi attivita` li minn natura stess taghha u tal-mezzi adoperati tista' titqies perikoluza, bhal daqqa ta ponn fuq windscreen

biex, huwa jenhtieglu jiddimostra li ha hsieb japplika l-mizuri idonei u l-prekawzjonijiet kollha necessarji biex jevita l-hsara. L-oneru ta' prova bhal din tispetta lilu u ghandha tkun ukoll wahda rigoruza. Xejn ma tiswa' s-semplici prova negattiva illi hu ma kkommetta l-ebda vjolazzjoni ta' dover, izda jinkombi fuqu li juri manifestament u bi prova pozittiva, illi huwa addotta kura u prudenza biex jilqa' kontra l-possibilita` ta' konsegwenzi dannuzi;

Kif sewwa nghad fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appelli Sede Inferjuri fl-ismijiet ‘**Gerald Bugeja vs David Gatt**’, deciza nhar l-20 ta’ Ottubru 2003:

*“Huwa principju ben akkolt fil-gurisprudenza taghna illi min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferti".*

Intqal diversi drabi li biex tirrizulta responsabbilita' ghall-hsara, irid ikun hemm ness ta' kawza u effett, u dan in-ness irid jigi pruvat mill-vittma tal-hsara f’dan il-kaz l-attur. Madanakollu, jezistu sitwazzjonijiet, li ma jidhirx li huwa l-kaz odjern, fejn il-fatti dannuzi juru l-impronta tal-htija. B'mod li min ikun ipprova dawk il-fatti ghandu jinftiehem li pprova anke l-htija, u allura jkun dmir ta' min ikun kagun ta' dawk il-fatti li jipprova li hu ma kellux htija filli ssuccieda.
Jinsab ben akkolt fil-gurisprudenza taghna illi hu obbligu ta' kull driver li jirregola s-sewqan skond il-kundizzjonijiet u c-cirkostanzi bhal ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vejikolu, l-istat ta' l-art, u rapporti ohra kontingenti; u hu anki dmir ta' driver li jzomm dik li komunement tissejjah 'a reasonable careful look-out', liema dmir igib mieghu li d-driver jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli.

Ghalhekk din il-Qorti ghandha tesamina l-atti u x-xhieda sabiex tara dak li effettivament gara jew almenu dak li gie provat u dan sal grad tal-probabli ghaliex qieghdin fil-kamp civili. Prezenti ghall-incident kien hemm il-

kontendenti u x-xhud indipendenti li inzerta kien hiereg mill-parking certu Francis Grogan. Ma hemmx dubbju li x-xhieda hija konflingenti u ghalhekk l-ezercizju li din il-Qorti ghandha taghmel huwa aktar akkurat u dan sabiex tistabbilixxi liema xhieda ghandha aktar mis-sewwa u liema xhieda hija l-aktar attendibbli fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Kif tajjeb osservat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza imsemmija mid-difiza fl-ismijiet '**Joseph u Angela konjugi Tonna vs Silvia Rosso**', deciza fl-20 ta' April 2012:

*"mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-"in dubio pro reo". Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghal l-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha … … . Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra,anke fuq il-bilanc tal-probabilita` u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant … … . Anzi, f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita` tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti."* - **Carmelo Farrugia v Rokku Farrugia**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef M. Caruana Curran) fl-24 ta' Novembru 1966.

L-attur Michele Di Monaco jaghti tlett verzjonijiet ta' kif sehh l-incident. Fl-ewwel rapport li ghamel u cioe' dak li ta lill-pulizija ezekuttiva, liema xhieda ma gietx kontradetta minnu fl-ebda hin, jinghad li l-attur nhar it-2 ta' Awwissu 2010 ghall-habta tas-1.00pm ex admissis jghid lil PS 240, kif jirizulta mill-okkorenza esebita a fol 160 et seq illi, "*he had been waiting for someone to pick him up and thus had been standing in the mentioned parking spot, he*

*further stated that at one point the driver had stopped infront of him and told him to get out of the way whilst insulting him verbally, whilst he tried to explain to him that he was only waiting for someone he suddenly accelerated and ran him over and as he jumped to avoid getting injured, he accidently hit the drivers windscreen breaking the same in the process."*

Fl-affidavit tieghu esebit a fol 21 tal-atti u mmarkat bhala Dok MM jirrizulta li l-attur stqarr li huwa kien flimkien mal-habib tieghu Mr Marini kienu qed ifittxu parking space meta fil-hin ra karozza qed tohrog u ghalhekk nizel mill-vettura li kien riekeb u mar jistenna fil-*parking slot* li kienet qed tivvaka sabiex siehbu jdur id-dawra u mbaghad jipparkja f'dan il-post li kien lahaq ivvaka. Jghid li l-konvenut qallu sabiex jersaq minn nofs ghaliex ried inizzel xi haga u meta ma resaqx, il-konvenut saq ghal fuqu u huwa waqa' fuq il-*bonnet* u *windscreen* tal-vettura tieghu u bhala rizultat il-*windscreen* inkisret. Meta xehed viva voce il-Qorti nhar it-2 ta' Mejju 2012 (fol. 74) jghid li l-ewwel darba li ra lill-konvenut kien meta gie ghal fuqu. Fl-ebda hin ma jghid li l-konvenut qallu li xtaq ihott xi haga jew li beda jghajru kif qal fl-okkazjonijiet l-ohra.

Din ix-xhieda hija kollha kontradetta kemm mill-konvenut kif ukoll mix-xhud indipendenti okulari certu Francis Grogan. Il-konvenut jghid, u dan dejjem kien konsistenti f'dak li qal kemm meta ta il-verzjoni tieghu lill-pulizija esekuttiva fl-okkorrenza kif ukoll meta gie nterrogat mill-Pulizija nhar l-20 ta' Frar 2011 (vide dok PS1 a fol. 16) kif ukoll meta xehed aktar tard il-Qorti, li huwa kien qed jidhol f'parking slot f'Tas-Sliema wara li kien hareg minn hemm Francis Grogan u sab lill-attur jostakolalu l-parking u meta talbu sabiex jersaq sabiex ikun jista' jipparkja dan irrifjuta u irrabja tant li ta daqqa ta' ponn lill-windscreen tal-vettura misjuqa minnu.

Francis Grogan xehed u jghid li huwa ra l-incident isehh ghaliex kien ghadu kemm hareg mil-parking li kien diehel go fih l-konvenut u ra lill-attur ikecci lill-konvenut 'l barra u rah jaghti daqqa ta' ponn fuq il-windscreen taghha u jitlaq 'l hemm. Ikkonfema li l-konvenut kien qed jidhol fil-

*parking space* bil-mod u li ma kienx hemm l-ebda karozza li kienet qed tistenna sabiex tidhol floku.

L-attur ighid ukoll li tkellem mal-persuna li kienet hierga mill-parking waqt li kienet fil-karozza, u cioe' mill-parking li kien bi hsiebu jipparkja siehbu pero' mill-provi prodotti jirrizulta li ma kien hemm l-ebda mara izda kien ix-xhud Francis Grogan li kien hareg mill-parking u dan ix-xhud jghid li l-attur qatt ma kelmu fl-ebda hin. Il-konvenut jichad li kien hemm xi mara hierga mill-parking.

Illi ghalhekk m'hemmx dubbju li l-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-attur mhix wahda konsistenti u m'ghandhiex mis-sewwa waqt li l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-konvenut, kif korroborati minn Francis Grogan, ghandhom aktar mis-sewwa u ma jhallu l-ebda dubbju f'mohh il-gudikant ta' kif sehh l-incident.

Ma hemmx dubbju li waqt li l-konvenut kien qed jidhol fil-parking bil-mod kif xehed l-konvenut stess u kif ukoll kif xehed Francis Grogan, l-attur irrabja hafna u mar sabiex jipprova jwaqfu milli jidhol u kien hu stess li dahal fil-vettura misjuqa mill-konvenut u fid-daghdiha li kellu, tant li faqa' il-windscreen u ma ndunax li kien laqat siequ.
Fil-fatt kif xehed is-Supretendent Pierre Micallef Grimaud li fuq il-post l-istess attur ma deherx migugh u kien biss wara li rrealizza li kien wegga saqajh. Il-Qorti ma thossx li l-konvenut ghandu jinzamm responsabbli ghal dan.

Il-Qorti ezaminat il-fatti kollha tal-kaz, id-dinamika ta' kif gara l-incident u thoss li l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-konvenut hija aktar kredibbli u ghalhekk thoss li l-attur ma rnexxilux jipprova in-nexus bejn is-sewqan tal-konvenut u l-feriti li sofra u l-allegati danni rizultanti.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghall-principju legali "*volenti non fit iniuria*", li issib applikazzjoni meta min isofri d-dannu jkun huwa stess li liberament u volontarjament b'konsapevolezza shiha tan-natura u l-entita` tal-periklu implicitament qabel li jesponi ruhu ghalih.

Inghad li meta wiehed imur ifittex il-perikolu ma jistax imbaghad iwahhal f'haddiehor jekk igarrab xi hsara. Dan huwa kaz fejn *volenti non fit iniuria*. [Prim'Awla, **Carmel Polidano et vs Korporazzjoni Enemlata et**, deciza fis-7 ta' Dicembru 2004]. Il-principju legali *volenti non fit iniuria*, isib applikazzjoni meta min isofri d-dannu jkun huwa stess li liberament u volontarjament b'konsapevolezza shiha tan-natura u l-entita` tal-periklu implicitament qabel li jesponi ruhu ghalih, u dan hu proprju dak li ghamel l-attur.

Peress illi l-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut ma hux responsabbli ghad-danni li sofra l-attur u dan ghaliex gew kagunati bhala rizultat vjolenti tieghu, l-Qorti ma thossx li ghandha tidhol u tezamina il-provi migbura mill-attur dwar dak li qed jippretendi li ghandu jircievi minghand il-konvenut in via ta' danni.

**Ghalhekk, din il-Qorti tiddikjara li l-konvenut ma kienx responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur u ghalhekk qed tichad it-talba tieghu.**

**L-ispejjez ta' din il-kawa ghandhom jigu sopportati mill-attur in toto kif mitluba fir-rikors promotur.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------